



Il-Ministru għall-Infrastruttura u t-Trasport

- WARA LI KKUNSIDRA l-Artikolu 17, **il-paragrafi 3 u 4**, tal-Liġi Nru 400 tat-23 ta' Awwissu 1988;
- WARA LI KKUNSIDRA d-Digriet Leġiżlattiv Nru 171 tat-18 ta' Lulju 2005, li jstabbilixxi l-kodiċi għad-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u li jimplementa d-Direttiva 2003/44/KE, skont l-Artikolu 6 tal-Liġi Nru 172 tat-8 ta' Lulju 2003;
- WARA LI KKUNSIDRA l-Liġi Nru 167 tas-7 ta' Ottubru 2015, li tiddelega setgħat lill-Gvern għar-riforma tal-kodiċi tad-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u, b'mod partikolari, l-Artikolu 1(1)(e);
- WARA LI KKUNSIDRA d-Digriet Leġiżlattiv Nru 5 tal-11 ta' Jannar 2016 li jimplementa d-Direttiva 2013/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-20 ta' Novembru 2013 dwar id-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u l-inġenji tal-ilma personali u li tħassar id-Direttiva 94/25/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 19a, il-paragrafu 4;
- WARA LI KKUNSIDRA d-Digriet Leġiżlattiv Nru 223 tal-15 ta' Diċembru 2017, li jadatta l-leġiżlazzjoni nazzjonali għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea u d-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika;
- WARA LI KKUNSIDRA d-Digriet Leġiżlattiv Nru 173 tal-11 ta' Novembru 2022, mibdul, b'emendi, fil-Liġi Nru 204 tas-16 ta' Diċembru 2022, li tistabbilixxi dispożizzjonijiet urġenti dwar ir-riorganizzazzjoni tas-setgħat tal-ministeri;
- WARA LI KKUNSIDRA d-Digriet Nru 146 tal-Ministru għall-Infrastruttura u t-Trasport tad-29 ta' Lulju 2008, li jimplementa l-Artikolu 65 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 171 tat-18 ta' Lulju 2005, li jstabbilixxi l-Kodiċi għad-Dgħajjes li Jintużaw għar-Rikreazzjoni u, b'mod partikolari, l-Artikolu 92 tiegħu;
- WARA LI KKUNSIDRA d-Digriet tal-Ministru għall-Iżvilupp Ekonomiku tal-4 ta' Novembru 2016 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet għall-għoti u ż-żamma tal-awtorizzazzjoni lill-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità f'konformità mad-Digriet Leġiżlattiv 5/2016 li jimplementa d-Direttiva 2013/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar id-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u l-inġenji tal-ilma personali u li tħassar id-Direttiva 94/25/KE;
- FILWAQT LI JIKKUNSIDRA d-dħul fis-seħħ tal-istandard UNI EN ISO 16315:2016 - Inġenji żgħar - Sistema ta' propulsjoni elettrika;



Il-Ministru għall-Infrastruttura u t-Trasport

- IKKUNSULTA l-ftehim tal-Ministru għall-Intrapriżi u Made in Italy, kif espress fin-nota Nru
- IKKUNSULTA l-ftehim tal-Ministru għall-Ambjent u s-Sigurtà tal-Enerġija, espress fin-nota Nru
- WARA LI SEMA' l-opinjoni tal-Kunsill tal-Istat, espressa fis-Sezzjoni Konsultattiva għall-Atti Leġiżlattivi, fil-laqgħa tal-**14 ta' Jannar 2025**;
- WARA LI KKUNSIDRA il-komunikazzjoni lill-President tal-Kunsill tal-Ministri, skont l-Artikolu 17(3) tal-Liġi Nru 400 tat-23 ta' Awwissu 1988, magħmula permezz tal-ittra Nru ... ta' ...;

B'DAN JADOTTA R-REGOLAMENT LI ĠEJ

ARTIKOLU 1 (Għan u kamp ta' applikazzjoni)

1. Dan ir-Regolament jirregola s-sistemi li għandhom l-għan jiżguraw il-propulsjoni elettrika fuq l-opri tal-baħar għar-rikreazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(1)(a) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 5 tal-11 ta' Jannar 2016.

ARTIKOLU 2 (Definizzjonijiet)

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-termini li ġejjin għandhom ifissru:
- a) kumpanija tal-installazzjoni: kumpanija li tibni opri tal-baħar b'sistemi ta' provvista tal-elettriku u muturi ta' propulsjoni elettrika, jew li tinstalla sistemi ta' propulsjoni elettrika;
 - b) standard ta' referenza: UNI EN ISO 16315 – Opri żgħar – Sistema ta' propulsjoni elettrika u l-emendi u ż-żidiet sussegwenti tagħha;
 - c) korp approvat: korp innotifikat u awtorizzat għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-konformità tas-sistemi ta' kwalità tal-kumpaniji f'konformità mal-moduli ta' valutazzjoni deskritti fl-Annessi VII, VIII u XI tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 5 tal-2016, li jikkonforma mal-istandards UNI ISO 9001;
 - d) korp ta' valutazzjoni tal-konformità: korp innotifikat imsemmi fl-Artikolu 3(1)(dd) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 5 tal-2016 **li jwettaq attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità, inklużi l-kalibrazzjoni, l-ittestjar, iċ-ċertifikazzjoni u l-ispezzjoni**;
 - e) maniġer tekniku tal-kumpanija tal-installazzjoni: persuna fiżika li, minħabba l-kwalifiki, il-korsijiet li attendiet u l-esperjenza, tassumi responsabbiltà teknika għall-installazzjoni abbord tas-sistema ta' propulsjoni elettrika;



Il-Ministru għall-Infrastruttura u t-Trasport

f) sistema ta' propulsjoni elettrika: katina funzjonali ta' komponenti mekkaniċi, elettriċi u elettroniċi, iddisinjati biex jiżguraw il-propulsjoni tal-opri tal-baħar permezz tal-enerġija elettrika.

ARTIKOLU 3

(Kumpanija tal-installazzjoni u sistema tal-kwalità)

1. Il-kumpanija tal-installazzjoni għandha topera f'konformità mar-rekwiżiti tal-istandards ta' referenza u għandha tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:
 - a) il-manijer tekniku tagħha u l-persunal tagħha responsabbli għall-installazzjoni ta' sistemi ta' propulsjoni elettrika jkollhom ċertifikazzjoni professjonali maħruġa minn korp akkreditat f'konformità ma' UNI CEI EN ISO/IEC 17024;
 - b) tkun irreġistrata ma' Kamra tal-Kummerċ, li tindika li twettaq l-attività ta' installazzjoni ta' sistemi ta' propulsjoni elettrika;
 - c) ikollha sistema approvata ta' ġestjoni tal-kwalità għall-prodotti koperti minn dan ir-Regolament, li jkun fiha miżuri, proċeduri, struzzjonijiet bil-miktub, kriterji, rekwiżiti u arranġamenti xierqa sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-installazzjoni mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-istandards ta' referenza u mad-dettalji li jinsabu f'dan ir-Regolament.
2. Għall-approvazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità tagħha għall-prodotti koperti minn dan ir-Regolament, il-kumpanija tal-installazzjoni għandha tissottometti applikazzjoni għal valutazzjoni lil korp approvat.
3. Il-kumpanija tal-installazzjoni għandha tinforma lill-Ministeru għall-Infrastruttura u t-Trasport dwar id-dettalji tal-approvazzjoni tas-sistema tal-kwalità tagħha mill-korp approvat u dwar il-bidu tal-operazzjonijiet billi tibgħat, permezz ta' posta elettronika ċertifikata, il-mudell stabbilit fl-Anness I. Bl-istess mudell u bl-istess mod, il-kumpanija tal-installazzjoni għandha tinnotifika minnufih lill-Ministeru għall-Infrastruttura u t-Trasport dwar il-waqfien tal-attivitajiet tagħha u dwar kwalunkwe bidla fl-informazzjoni diġà mibgħuta.
4. Il-lista tal-kumpaniji tal-installazzjoni li jkunu għamli n-notifika msemija fil-paragrafu 3 għandha tiġi stabbilita u ppubblikata fuq is-sit web istituzzjonali tal-Ministeru għall-Infrastruttura u t-Trasport.
5. Il-kumpanija tal-installazzjoni għandha tinforma lill-korp approvat, li approva s-sistema ta' kwalità, minn qabel dwar kwalunkwe bidla li tkun beħsiebha tagħmel fis-sistema. Il-korp approvat għandu jivvaluta l-bidliet proposti u jiddeċiedi jekk, bħala riżultat tagħhom, is-sistema tistax tkompli tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u l-istandards ta' referenza korrispondenti. Fi tmiem il-valutazzjonijiet, il-korp approvat għandu jinforma lill-kumpanija tal-installazzjoni bid-deċiżjoni tiegħu, flimkien mar-raġunijiet u indikazzjoni tar-riżultati tal-eżami.
6. Għal finijiet ta' spezzjoni, il-korp approvat, fi kwalunkwe ħin matul il-perjodu ta' validità taċ-ċertifikazzjoni maħruġa, jista' jidħol fl-istabbiliment għall-verifika, għall-ittestjar, għall-ħżin u għall-installazzjoni ta' sistemi ta' propulsjoni elettrika u, fuq talba, jikseb:



II-Ministru għall-Infrastruttura u t-Trasport

a) id-dokumentazzjoni teknika tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 2(1) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 5 tal-2016;

b) kwalunkwe dokumentazzjoni oħra, bħal rapporti, *data* tat-testijiet u tal-kalibrazzjoni, kwalifiki, u korsijiet ta' taħriġ u ta' aġġornament għall-persunal.

7. Skont l-Artikolu 39(2) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 5 tal-2016, il-Ministeru għall-Intrapriżi u Made in Italy u l-Ministeru għall-Infrastruttura u t-Trasport jistgħu **jikkonfermaw** fi kwalunkwe ħin, permezz ta' awditi u **kontrolli**, l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u fl-istandards ta' referenza. Jekk, bħala riżultat tal-kontrolli u l-ispezzjonijiet, jiġi stabbilit ksur tal-obbligi fi dmir il-kumpaniji tal-installazzjoni, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jinfurmaw lill-korp approvat li jkun approva s-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità tal-impriża, li għandu jipproċedi biex jissospendi l-approvazzjoni tas-sistema ta' kwalità tal-kumpanija tal-installazzjoni għal perjodu proporzjonat mal-gravità tal-ksur misjub, jew biex jirrevokaha.

ARTIKOLU 4

(Opri mibnija reċentement)

1. Meta jitqiegħdu fis-suq, l-opri tal-baħar għar-rikreazzjoni, id-dgħajjes ta' rikreazzjoni u l-opri tal-baħar personali msemmija fl-Artikolu 3(1)(b), (c), u (d) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 5 tal-2016, bi propulsjoni elettrika, għandhom jiġu pprovduti bid-dikjarazzjoni ta' konformità msemmija fl-Anness VIII tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 171 tat-18 ta' Lulju 2005, li għandha tindika wkoll l-istandard ta' referenza.

2. Id-dokumentazzjoni teknika tal-installazzjoni abbord għandha tiġi vvalutata u approvata mill-korp ta' valutazzjoni tal-konformità.

3. Il-manwal tas-sid imsemmi fl-Anness II, il-Parti A, il-punt 2.5 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 171/2005 fih ukoll struzzjonijiet speċifiċi u informazzjoni dwar is-sikurezza relatata mas-sistema ta' propulsjoni elettrika kif meħtieġ mill-istandard ta' referenza.

ARTIKOLU 5

(Konverżjoni għall-propulsjoni elettrika ta' prodotti li diġà tqiegħdu fis-suq)

1. Fil-każ ta' konverżjoni ta' opri tal-baħar għar-rikreazzjoni, dgħajjes ta' rikreazzjoni u opri tal-baħar għal propulsjoni elettrika, il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jivverifika l-konformità mal-istandards ta' referenza u l-fatt li l-konverżjoni ma tkunx affettwat b'mod sostanzjali r-rekwiżiti essenzjali tal-opri tal-baħar għar-rikreazzjoni msemmija fl-Anness II, il-Parti A, il-punti 3.1, 3.2, 3.3, 3.6 u 4 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 171/2005. Għal dak il-għan, il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jfassal rapport tekniku, li jenfasizza ż-żamma tar-rekwiżiti essenzjali msemmija hawn fuq.

2. Meta l-korp ta' valutazzjoni tal-konformità jaċċerta li t-trasformazzjoni tkun affettwat **b'mod sostanzjali** wieħed mir-rekwiżiti essenzjali msemmija fil-paragrafu 1, il-prodott ikun soġġett, skont l-Artikolu 18(3) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 5 tal-2016, għall-evalwazzjoni ta' wara l-bini msemmija fl-Artikolu 22 ta' dan id-Digriet Leġiżlattiv. Din il-proċedura ma għandhiex tapplika



Il-Ministru għall-Infrastruttura u t-Trasport

għal opri li ma għandhomx markatura CE, li għalihom għandhom japplikaw biss id-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

3. Il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jżomm għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet superviżorji msemmija fl-Artikolu 32(3) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 5 tal-2016 id-dokumentazzjoni teknika kollha relatata mal-installazzjoni tas-sistema ta' propulsjoni elettrika għal perjodu ta' għaxar snin mid-data tal-installazzjoni.

ARTIKOLU 6

Klawżola ta' rikonoxximent reċiproku

1. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni Ewropea eżistenti, id-dispożizzjonijiet ta' dan id-Digriet la għandhom japplikaw għal prodotti manifatturati jew kummerċjalizzati fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jew fit-Turkija, u lanqas għal prodotti manifatturati fi Stat Membru tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA), li huwa parti kontraenti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE).

ARTIKOLU 7

(Dħul fis-seħħ u klawżola ta' invarjanza finanzjarja)

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw 90 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Taljana.

2. L-implimentazzjoni ta' din il-miżura ma tridx tirriżulta f'piżijiet ġodda jew akbar fuq il-finanzi pubbliċi. L-amministrazzjonijiet pubbliċi għandhom jiżguraw li l-attivitajiet ippjanati jitwettqu bir-riżorsi umani, strumentali u finanzjarji disponibbli skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ.

Dan id-Digriet, li għandu s-siġill tal-Istat, għandu jiġi inkluż fil-ġabra uffiċjali tal-atti legali tar-Repubblika tal-Italja. Il-partijiet interessati kollha għandhom ikunu marbuta li josservaw u jiżguraw l-osservanza ta' dan id-Digriet.

Ruma,

IL-MINISTRU GĦALL-INFRASTRUTTURA U T-TRASPORT



Il-Ministru għall-Infrastruttura u t-Trasport

ANNEX I (Artikolu 3, paragrafu 3)

1	2	3	4	5	6	7	8
Isem il-kumpanija tal-installazzjoni	Detalji tar-reġistrazzjoni mal-Kamra tal-Kummerċ	Il-korp approvat intervjenu għall-valutazzjoni tas-sistema tal-kwalità	Data tan-notifika lill-kumpanija tal-installazzjoni tad-deċiżjoni tal-korp approvat b'eżitu pożittiv fir-rigward tal-valutazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità	Data tal-bidu tal-attività	Noti dwar l-interventi sussegwenti u d-deċiżjonijiet tal-korp approvat	Bidliet fl-informazzjoni diġà kkomunikata lill-Amministrazzjoni dwar il-kolonna 1 u 2	Data tal-waqfien tal-attività